MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Numru 459/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**Vs**

**Silvio Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra Silvio Camilleri, bin Carmel u Paola nee' Xuereb, li twieled fit-13 ta' April 1989, joqgħod Tan-Najsi, Triq l-Indipendenza, Qala, Għawdex, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 21289G talli:

Nhar is-17 ta' Settembru 2011, għall-ħabta ta' 23:l5hrs ġewwa Triq Għajn Qarib, Qala, Għawdex;

1. Saq vettura tal-għamla Isuzu bin-numru tar-reġistrazzjoni CBB 292 b'mod traskurat u perikoluż;

2. Saq l-istess vettura bi speed eċċessiv;

3. Involontarjament għamel ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Joanne Cordina kif iċċertifika Dr. Coronato Grech MD mill-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-25 ta’ Settembru, 2012, li biha illiberat lill-imputat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu minħabba nuqqas ta’ provi, u wara li rat l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u ikkundannatu multa ta’ ħamsa u għoxrin Euro (€25.00).

**3.** Rat ir-rikors tal-imputat Silvio Camilleri ppreżentat fil-11 ta’ Ottubru, 2012 li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-imputat gie liberat mill-ewwel u t-tieni akkużi u tirrevokaha in kwantu t-tielet akkuża fejn sabet lill-imputat ħati u kkundannatu multa ta’ ħamsa u għoxrin ewro (€25) u b’hekk tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena skond il-liġi.

**4.** Fliet l-atti kollha proċesswali.

**5.** Il-fatti ta’ dan il-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fis-17 ta’ Settembru 2011 għall-ħabta ta’ 23.15 hrs ġewwa l-gżira ta’ Għawdex l-appellant Silvio Camilleri kien qiegħed isuq karozza Isuzu bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBB292 fi Triq Borg Għarib, Qala, mid-direzzjoni tal-Qala lejn ir-Rabat u f’ħin minnhom ħabat mal-vettura bin-numru ta` reġistrazzjoni MEL276 li kienet misjuqa minn Joann Cordina li kienet għadha kif ħarġet minn Triq Sant Anton Għajnsielem sejra fid-direzzjoni lejn il-Qala. Fl-inċident Joann Cordina ġarrbet ġrieħi ta’ natura ħafifa.

**6.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu riassunti kif ġej:-

1. l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li rriżultaw quddiemha għaliex huwa għal kollox

inkonsistenti li lliberatu mill-ewwel żewġ akkużi, konsistenti f'sewqan traskurat u perikoluż u sewqan bi speed eċċessiv iżda imbgħad sabitu ħati li kkaġuna offiżi ħfief involontarji fuq Joann Cordina li kienet issuq il-vettura il magħha ħabat;

2. l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali ċċitat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata jipprevedi r-reat ta' offiża ħafifa volontarja u mhux ir-reat ta' offiża ħafifa involontarja li tagħha l-appellant nstab ħati u li hu previst fl-artikolu 226 tal-Kap. 9 li l-proċediment dwaru jista' jittieħed biss bil-kwerela tal-parti offiża meta ma tirriżulta ebda tali kwerela.

Ikkunsidrat,

**7.** Fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti l-appellant u l-prosekuzzjoni iddikkjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għall-provi u li l-appell seta' jitħalla għas-sentenza fuq il-provi li hemm.

**8.** Meta l-Qorti ezaminat il-proċess sabet karenza assoluta ta' provi peress li d-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu fl-ewwel istanza ma jinsabux traskritti, ma jirriżulta ebda skizz tax-xena tal-kolliżżjoni, u għalkemm jinsabu esibiti xi ritratti ta' żewġ vetturi x'aktarx fuq il-post tal-inċident u ta' dawk li jidhru li huma xi ġrieħi, mill-atti ma tirriżulta ebda informazzjoni jew spjegazzjoni ta' dak li jidher fir-ritratti.

**9.** Inoltre, anki jekk wieħed jippreżumi – u dan il-Qorti ma tistax tagħmlu -- li l-ġrieħi msemmija fit-tielet imputazzjoni ġew kaġunati fuq il-persuna ta' Joann Cordina bħala riżultat tal-kolliżżjoni msemmija li allegatament ġrat bħala konsegwenza tas-sewqan imsemmi fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti setghet ma ssibx lill-appellant ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, liema parti tas-sentenza ma tinsabx appellata, iżda imbgħad sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni li l-ħtija tagħha tippostula xi ħtija da parti tal-appellant ta' xi għemil b'nuqqas ta' ħsieb, bi

traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.

**10.** Il-premess hu biżżejjed sabiex iwassal lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni mingħajr ħtieġa li tindirizza l-aggravji l-oħra tal-appellant.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant Silvio Camilleri u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn sabet lill-imputat appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u fejn kkundannatu multa ta' ħamsa u għoxrin Euro (€25) u tikkonfermha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------